MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Avviz Numru. 117/2012

**Jason Cutajar**

**Vs**

**Bayswater Contracting Co. Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Jason Cutajar fit-2 ta' April 2012 permezz ta' liema jitlob li s-socjetà Bayswater Contracting Co. Limited tigi kkundannata thallsu s-somma ta' sitt elef mija hamsa u tletin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€6,135.57) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' kuntratt ta' appalt, inkluzi xoghlijiet ta' kostruzzjoni, esegwit fuq inkarigu taghha, bl-imghax legali dekoribbli mill-1 ta' Ottubru 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema topponi ghat-talba attrici u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) fil-mertu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li *exceptio non rite adempleti contractus*, fis-sens li l-attur naqas milli jwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu peress illi dak li kkonsenja u ghamel kien jew inkomplet jew karatterizzat minn nuqqasijiet u inadempjenzi kontrattwali;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tas-socjetà konvenuta a fol. 6 u 7 tal-process;

Rat l-affidavit ta' Joseph Paul Vassallo esebit mis-socjetà konvenuta permezz ta' Nota ipprezentata fl-4 ta' Lulju 2012 a fol. 18 u 19 tal-process;

Rat il-verbal tat-13 ta' April 2015 li bih il-partijiet kontendenti ddikjaraw li huma ftehmu s-segwenti: (i) is-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €3,000 a saldu; (ii) l-ispejjez tal-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet; (iii) il-hlas tas-

somma ta’ €3,000 ghandu jsir fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza, ossia mit-23 ta’ April 2015; u (iv) l-imghax fuq is-somma ta’ €3,000 jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament dement li l-imsemmija somma tithallas fi zmien sitt xhur, izda jekk il-hlas ma jsirx entro t-terminu ta’ sitt xhur, l-imghax jibda jiddekorri mit-2 ta’ April 2012;

Rat li waqt is-seduta tat-13 ta’ April 2015 il-partijiet kontendenti talbu li tinghata sentenza fis-sens ta’ dak miftiehem bejniethom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta’ €6,135.57 rapprezentanti l-prezz bilancjali ta’ kuntratt ta’ appalt inkluzi xoghlijiet ta’ kostruzzjoni minnu esegwiti fuq inkarigu taghha. Is-socjetà konvenuta tilqa’ ghat-talba attrici bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni istitwita fil-konfront taghha hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-eccezzjoni fil-meritu li t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur naqas milli jwettaq l-obbligi kontrattwali tieghu stante li dak li kkonsenja u ghamel kien jew inkomplet jew karatterizzat minn nuqqasijiet u inadempjenza kontrattwali.

Ghalkemm bdew jitressqu provi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, f’certu stadju tal-proceduri l-partijiet kontendenti bdew jiddiskutu l-possibilità ta’ transazzjoni. In effetti wara diversi differimenti, fis-seduta tas-17 ta’ Novembru 2014 il-partijiet kontendenti infurmaw lill-Qorti li ftehmu li mis-somma mitluba s-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ €3,000 a saldu. Jirrizulta ghalhekk li s-socjetà konvenuta taccetta li ghandha thallas lill-attur, u huwa jaccetta li ghandu jircievi minghandha, is-somma ta’ €3,000 a saldu tal-pretensjonijiet ta’ l-attur fil-konfront taghha.

Waqt is-seduta tat-13 ta’ April 2015 il-partijiet kontendenti esponew b’mod iktar dettaljat il-ftehim milhuq bejniethom fis-sens illi s-somma ta’ €3,000 li s-socjetà konvenuta taccetta li ghandha thallas lill-attur, u li huwa jaccetta li ghandu jircievi, a saldu tal-pretensjonijiet ta’ l-attur fil-konfront taghha, ghandha tithallas fi zmien sitt xhur minn meta l-vertenza odjerna tigi determinata permezz ta’ sentenza pronuncjata minn din il-Qorti, liema data giet iffissata fil-jum tat-23 ta’ April 2015, u kemm-il darba tali somma tithallas entro t-terminu ta’ sitt xhur hekk miftiehem, l-imghax fuq tali somma jiddekorri b’effett mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas ta’ hlas f’tali zmien l-imghax jibda jiddekorri mit-2 ta’ April 2012, li mill-atti processwali jirrizulta li hija d-data tal-prezentata tal-proceduri in ezami. Il-partijiet ftehmu wkoll li l-kawza tibqa’ bla taxxa bejniethom.

Wara li esponew tali ftehim lill-Qorti l-partijiet talbu li l-istess jigi kristallizat b’sentenza pronuncjata Minnha.

Fil-fehma tal-Qorti bil-ftehim milhuq is-socjetà konvenuta giet li rrinunzjat ghall-eccezzjonijiet taghha b’dana ghalhekk li l-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom **u** l-attur gie li rrinunzja ghat-talba tieghu ghall-hlas ghall-ammont

in eccess ta' €3,000, b'dana ghalhekk li l-Qorti ghandha tilqa' t-talba tieghu ghall-hlas limitatament ghal tali somma ta' €3,000.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetà konvenuta;
2. Tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €3,000;
3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' €3,000, liema hlas ghandu jsir a saldu, u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza;
4. Bl-imghax legali fuq is-somma ta' €3,000 dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament, b'dana li kemm-il darba tali somma ma tithallasx fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza l-imghax legali jibda jiddekorri mit-2 ta' April 2012, ossia d-data tal-prezentata tal-proceduri in ezami, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------